MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR
## RAPHAEL FENECH ADAMI

Seduta tat-28 ta' Novembru, 2006

Talba Numru. 1555/2004

**Esther Camilleri**

**vs**

**Aaron Kerr**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-11 ta Awissu 2004 fejn
intalab li l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas lill-attrici s-somma
ta elf lira (Lm1,000) rapprezentanti danni sofferti mill-istess f'incident
stradali li sehh fis-17 ta Gunju 2004 f'Targa Gap il-Mosta bejn il-
vettura numru JBG 616 misjuqqa mill-konvenut u dik proprjeta tal-
attrici numru STR 582 ghal liema ncident kien unikament
responsabbli l-istess konvenut.

Bl-ispejjes inkluzi dwak ta ittra ufficcjali prezentata kontestwalment ma dan l-avviz u tal-ittra legali datata 12 ta Lulju 2004 kontra l-konvenut minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut datata 24 ta Awissu 2004 fejn ikkontesta r-responsabbilita tal-incident in kwistjoni stante li jallega li l-incident sehh minnhabba tortijiet imputabbli lis-sewwieq tal-vettura STR 582.

Ra l-provi prodotti nkluz id-dokumenti esebiti.

Sema t-trattazzjoni orali tal-abbli difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra.

Illi l-kollizzjoni in kwistjoni sehhet meta l-konvenut kien wasal biex jaghmel manuvra biex idur lejn l-iskola tal-MCAST, Mosta. Id-divergenza bejn iz-zewg sewwieqa tinsab fil-fatt li filwaqt li l-attur jallega li l-impatt sehh fil-mumemt meta huwa kien wieqaf bl-indicator mixghul f'nofs it-trieq u angolat biex jidhol lejn l-imsemmija skola, l-attrici da parti taghha tghid li l-impatt sehh meta l-konvenut ghamel manuvra f'salt biex idur fuq il-lemin tieghu lejn l-iskola fil-mument meta hija kienet qieghdha tissorpassah.

Hawn si tratta ta kwistjoni ta kredibbilita taz-zewg sewwieqa u kif ukoll bilanc tal-obbligi legali rispettivi tal-istess sewwieqa u cioe dik tal-konvenut fil-manuvra tieghu biex minn trieq principali jdur ghal trieq sekondarja, f'dan il-kaz biex jidhol fl-entratura tal-iskola u dik tal-attrici li f'manuvra ta sorpass trid tkun ferm attenta li din tista ssir minnghajr ma tohloq periklu ghall-vettura ta quddiemha u ghat-traffiku in generali fit-trieq.

Jidher li ma kienx hemm kontestazzjoni fuq il-kwantum tad-danni mitluba.

L-attrici tammetti li hija kienet rat lill-vettura tal-konvenut li kienet quddiemha qed tislowja u tieqaf ghalkemm ma kellhiex l-indicator mixghul. L-ewwel darba li ratha kienet

xi tliet vetturi l-boghod minnha. Tikkonferma li lill-konvenut rathu wieqaf f'nofs it-trieq fil-bokka tal-Iskola. Kif waslet fejnhu bdiet taghmel manuvra ta' sorpass lejn il-lemin tieghu u paqpqet il-horn. It-Tribunal hawn jinnota li la draba l-attrici kkonfermat li rathu wieqaf fin-nofs tat-trieq allura ta bil-fors fil-manuvra taghha ta sorpass hija spiccat biex marret fuq in-naha l-ohra tal-karreggjata tat-trieq. Illi barra minnhekk ma hemmx dubbju mill-konfigurazzjoni tat-trieq li hija setghet facilment taghmel tali manuvra ta sorpass minn-naha ta gewwa tieghu u cioe fuq ix-xellug tal-konvenut. Kien fil-mument meta giet ma gembu waqt is-sorpass li l-konvenut qala lejn il-lemin u dahal go fiha. Hija taqbel mal-iskizz esebit a fol 26 tal-process.

Illi kif gia gie osservat mit-Tribunal hawn fuq, ghandu jirrizulta mix-xhieda tal-attrici stess li hija naqset tassew milli taghmel il-manuvra ta sorpass b'manjiera prudenti u diligenti skond kif titlob il-ligi. La darba hija ghazlet li taghmel tali manuvra kien fl-obbligu taghha li tassikura ruhha li din ma kinietx ser twassal ghal periklu fit-trieq. Fil-fatt mid-deposizzjoni taghha stess jirrizulta li certament il-vettura taghha saqitha fuq il-karreggjata l-ohra tat-trieq meta setghet facilment taqbez minn-naha ta gewwa. Fil-fatt hi stess tghid li kien hemm spazju mnejn tghaddi fuq in-naha ta gewwa tat-trieq. Hawn huwa nteressanti li jigi rimarkat li filwaqt li l-attrici kienet giet rappurtata mill-Warden li qalet li rat lill-konvenut quddiemha fuq ix-xellug taghha u qabad u ghamel U-turn f'daqqa kif kienet qed taqbzu, fix-xhieda guramentata taghha tghid ghal darba tnejn li l-konvenut kien wieqaf kompletament fin-nofs tat-trieq faccata tal-Bokka tal-Iskola.

Dwar l-obbligu tal-konvenut li kien ser idur mit-Trieq Principali ghall-entratura tal-iskola, l-attrici stess tghid li hija ratu jisslowja u addirittura jieqaf f'nofs it-trieq precizament quddiem il-Bokka tal-iskola. Ilighalhekk setghet facilment tippresumi li logikament il-konvenut kien be hsiebu jdur ghall-istess skola. Da parti tieghu il-konvenut li kien hekk wieqaf, dan ikun waqaf biex jistenna li l-karreggjata opposta li kien ser jaqsam tkun hielsa mit-traffiku w l-attenzjoni tieghu tkun koncentrata fuq il-vetturi li jkunu gejjin mid-direzzjoni opposta fuq il-karreggjata l-

ohra u mhux ghat-traffiku li jkun hemm warajh; dana partikolarment meta tqis il-fatt li huwa waqaf fin-nofs tat-trieq u certament ma kienx qed jistenna li xi vettura sejra taqbzu minn naha ta barra meta it-trieq hija wiesgha aktar minn bizzejjed biex il-vetturi jghadduh liberament minn-naha ta gewwa mix-xellug tieghu. Fil-fatt il-warden 155 Buttigieg xehed li apparti li fil-bokka tal-iskola ma kienx hemm ebda problemi ta traffic flow fit-trieq nonostante l-habta u dana peress li t-trieq in kwistjoni hija wiesgha tassew.

Illi l-iskizz esebit a fol 26 tal-process li kulhadd qabel dwaru jaghti stampa cara ta kif graw l-affarijiet. Anke bil-verzjoni tal-attrici biss wiehed jasal biex ighabbiha bir-responsabbilita tal-incident in kwistjoni u dana ghar-raguni li wiehed ghandu jistabilixxi l-kawza prossima tal-incident. Anke jekk ghas-sahha tal-argument il-konvenut qala f’daqqa hi u tissorpassah wara li kien wieqaf xorta wahda hi ma kellhiex tghaddieh minn dik in-naha tal-vettura tieghu u certament huwa ma seta qatt jistenna li xi hadd kien ser ighaddieh minn dik in-naha. Fil-fatt kif jidher fuq l-iskizz u r-ritratti esebiti a fol 26 et seq tal-process iz-zewg vetturi spiccaw proprju fil-bokka tal-iskola u cioe fuq in-naha l-ohra tat-trieq mnejn kienu gejjin it-tnejn.

Il-konvenut u missieru bejn wiehed u iehor jikkonfermaw l-istess verzjoni moghtija mill-istess attrici bil-gurament taghha bid-differenza li jallegaw li l-indicator taghhom kien mixghul.

Ghaldaqstant in vista tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula, t-Tribunal qieghed jaqta u jiddeciedi dan il-kaz billi jiddikjara li l-attrici Esther Camilleri kienet unikament responsabbli ghall-incident stradali meritu ta dina l-kawza u kwindi ghalhekk filwaqt li qed tilqa l-eccezzjoni sollevata mill-konvenut tichad it-talbiet attrici bl-ispejjes kontra taghha.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------